14 ta' Diċembru, 1957

Imħallef:—

Onor. Dr. W. Harding, K.M., B.Litt., LL.D.

Il-Pulizija *versus* Carmel Grech

## Traffiku — Negliġenza Kontributorja

*Meta bniedem iqiegħed lilu nnifsu f'pożizzjoni ta' perikolu u jiġi ferut, huwa jkun negliġenti. Imma jekk min ferieħ kien negliġenti wkoll, dan jibqa' ugwalment responsabbli kriminalment, jekk in-negliġenza tal-offiż kienet biss kontributorja, u mhux għal kollox kawża unika u determinanti ta' dak li ġara.*

*F'sede ċivili, in-negliġenza kontributorja, għad li ma għandhiex l-effett li tinnewtralizza din ir-responsabilità, jista' jkollha l-effett li tipproporzjona d-danni.*

Il-Qorti; — Rat l-imputazzjoni kontra Carmelo Grech quddiem il-Qorti Kriminali tal-Maġistrati ta' Malta talli, f'Ħal-Qormi, fit-2 ta' Lulju 1957, f'xi s-1.30 p.m., saq "Utility Van No. 505" minn Valletta Road, Qormi, b'ġiri aktar milli jmissu; barra minn dan, minħabba f'nuqqas ta' għaqal u ta' ħila, traskuraġni, u għax ma osservax ir-regolamenti, laqat lil Angelo Casha u għamillu ferita ta' natura gravi minħabba d-dewmien skond iċ-ċertifikat ta' Dr.Bartolo, M.D.;

Rat is-sentenza ta' dik il-Qorti tad-29 ta' Ottubru 1957, li biha sabet lil Carmel Grech mhux ħati tal-ewwel imputazzjoni, iżda ħati tat-tieni imputazzjoni, u ordnat li jiġi liberat fuq l-ewwel imputazzjoni, u, in vista tal-fatt li dan hu l-ewwel delitt tiegħu, u taċ-ċirkustanzi tal-każ, ordnat li jiġi liberat taħt l-artikolu 23(1)(a) tal-Kodiċi Kriminali;

Rat ir-rikors li bih l-imputat appella, u talab li s-sentenza fuq imsemmija tiġi revokata fil-parti kondannatorja tagħha, u li hu jiġi liberat;

Trattat l-appell;

Ikkunsidrat;

Irriżulta mill-provi li l-imputat kien qiegħed isuq il-van imsemmija fiċ-ċitazzjoni, fil-ġurnata u ħin hemm indikati, sejjer minn Ħal-Qormi għall-Ħamrun, għaddej minn Valletta Road. Kien hemm karrozza oħra wieqfa fuq ix-xellug tiegħu; u mid-direzzjoni opposta kienet ġejja l-karrozza misjuqa minn Angelo Casha, il-ferut. L-imputat kellu joħroġ barra mis-side tiegħu minħabba dik il-karrozza wieqfa, imma għamel hekk b'mod li, dak il-ħin li għadda lil din il-karrozza, waslet ukoll il-karrozza ta' Casha, b'manjiera tali li ġew it-tlieta "abreast", il-karrozza tal-imputat fin-nofs. Il-karrozzi ħabtu, u ġie milqut anki driegħ Casha;

L-imputazzjoni tirrigwarda l-offiża involontarja ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Casha;

Issa, peress li ż-żewġ karrozzi, tal-imputat u ta' Casha, setgħu jaraw lil xulxin minn distanza twila ħafna, għalhekk kien dover tat-tnejn li jevitaw li jiltgħaqu proprju fid-djuq kaġunat bil-karrozza "terza" wieqfa. Imma, kif sewwa rrileva l-perit relatur fl-ewwel istanza, dan id-dover kien aktar gravi kwantu għall-imputat; għax mentri Casha kien fuq is-side tiegħu, u kien sejjer jibqa' fuq is-side tiegħu, l-imputat, għall-kuntrarju, kien sejjer jabbanduna s-side tiegħu u kien sejjer jinvadi z-zona tal-"oncoming traffic".

Kienu t-tnejn fit-tort; għax Casha, in vista tat-teorija tal-"last opportunity", ma kienx intitolat jisforza indebitament id-dritt tiegħu li jipproċedi b'mod li l-karrozi jiltgħaqu f'dak il-mument kritiku; imma, kif ingħad, l-imputat kellu obligu aktar gravi. Gara li, jew l-imputat ikkalkola ħażin u ma laħaqx oltrepassa l-karrozza wieqfa, jew ħaseb li kien hemm spazju biżżejjed, jew ġibed wisq lejn il-car ta' Casha;

Kwantu għall-laqta ma' driegħ Casha, irriżulta mill-provi li dan kien qiegħed isuq b'minkbu sporġenti għal xi tliet pulzieri mill-anqas. Jirriżulta wkoll li l-ħabta fuq il-car ta' Casha kienet fuq il-"mudguard" ta' wara tal-lemin — ħabta leġġjera ħafna;

Id-difiża argumentat b'dan il-mod. Ladarba l-karrozza li biha kkundannatu £1 ammenda u sospensjoni tal-liċenzi ta' Casha ġiet milquta fil-"mudguard" ta' wara, dan ifisser li, fil-ħin li ntlaqat il-minkeb ta' Casha, "kien għad ma kienx hemm xejn irregolari", għax il-karrozzi kienu għad-hom ma ħabtux bl-ebda mod. Kwindi, kompliet tgħid id-difiża, il-vera kawża prossima tal-laqta tal-minkeb ta' Casha kien il-fatt li hu żammu maħruġ il-barra; għax kieku ma għamelx hekk, xejn ma kien ikun ġara, ladarba sa dak il-ħin il-karrozzi kienu għadhom ma ħabtux;

Il-każ hu indubbjament kurjuż. Hu ċert li, meta bniedem iqiegħed kollu nnifsu f'pożizzjoni ta' perikolu, u jiġi ferut, dik hija negliġenza. Jingħad fit-test "Trial of Motor Car Accident Cases" ta' Andrew Dewar Gibbs, para. 318:— "Riding with a leg protruding from one of the doors of the car, in such a way that it might come into contact with passing objects, may be negligence". Fl-istess paragrafu jingħad:— "...... a passenger may be guilty of contributory negligence if he assumes a position of unnecessary danger". Mhux suppost li driver isuq b'minbu sporġenti. Bla dubju, dik kienet negliġenza da parti ta' Casha;

Iżda, din il-Qorti ssib ukoll negliġenza mill-parti tal-

imputat, fis-sens li, avvolja l-ħsara materjali fil-karrozza ta' Casha, ċjoè il-barxiet u d-"dent" fuq il-"mudguard" tal-lemin, saru wara l-laqta tal-minkeb ta' Casha, oppure l-fatt li, sija pure wara, saret il-ħabta, juri li l-imputat kien qiegħed isuq b'mod li l-karrozza tiegħu ma kienetx "clear" minn dik ta' Casha, u li kienet pożizzjonata b'mod li ssir il-ħabta. F'dan kien hemm negliġenza da parti tiegħu wkoll;

Issa, in sede kriminali, il-fatt li l-offiż kien ukoll negliġenti ma jneħħix l-imputazzjoni, jekk din in-negliġenza kienet biss kontributorja, u mhux għal kollox kawża unika u determinanti ta' dak li ġara. Minn dan jiġi li l-imputat jibqa' ugwalment responsabbli ta' negliġenza. In sede ċivili, in-negliġenza ta' Casha, li, kif ingħad, seta' anki hu jevita li jgħaddi mid-djuq fil-mument kritiku, u li kellu minkbu sporġenti, għad li ma għandhiex l-effett li għandha fid-Dritt Ingliż fejn l-azzjoni hi għal kollox newtralizzata, jista' jkollha l-effett li tipproporzjona d-danni; molto pjù li hu insolitu, u kwindi imprevedibbli, almenu normalment, li driver isuq b'minkbu maħruġ il-barra;

Għalhekk din il-Qorti tiddeċidi billi tirrespinġi l-appell, u, fis-sens però tal-konsiderazzjonijiet premessi, tikkonferma s-sentenza appellata.